MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1001/2002

**Rita Buttigieg**

**-vs-**

**Nicholas Galea**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Settembru, 2002 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi fil-hmistax (15) ta' Mejju, 2001 l-attrici kienet involuta f'incident stradali waqt illi kienet qieghda taqsam Triq Ponsomby, Gzira, meta sfat imtajra mill-konvenut illi f'dak il-mument kien qieghed isuq il-vettura tieghu bir-'reverse';

Illi dan l-incident stradali sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku dak parti tieghu;

Illi bhala kawza ta’ dan l-incident l-attrici sofriet danni ingenti kemm in linea ta’ ‘damnum emergens’ u kif ukoll ta’ ‘lucrum cessans’ u gie certifikat illi qieghda ssofri minn debilita’ permanenti ta’ hdax fil-mija (11%);

Illi ghalkemm l-attrici hija persuna anzjana, qabel dan l-incident hija kienet perfettament kapaci illi tiehu hsieb lilha nnifisha u tad-dar taghha u tal-htigijiet kollha taghha minghajr l-ghajnuna ta’ hadd, izda in segwitu ghall-imsemmi incident u d-debilita’ permanenti minnha sofferta hija saret dipendenti fuq l-ghajnuna u l-assistenza ta’ wliedha;

Ukoll illi qabel ma sehh l-imsemmi incident l-attrici kienet persuna attiva hafna, thobb issiefer u zzomm ruhha okkupata, izda in segwitu ghall-imsemmi incident u d-debilita’ permanenti minnha sofferta l-kapacitajiet taghha illi tkompli tghix bl-istess stil ta’ hajja illi kellha qabel gew ridotti drastikament;

Illi minkejja li l-konvenut gie nterpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha sofferti mill-attrici, l-istess konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

(i) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fil-15 ta’ Mejju, 2001 fi Triq Ponsomby, Gzira meta l-attrici sfat imtajra mill-vettura misjuqa mill-istess konvenut;

(ii) tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici bhala kawza tal-imsemmi incident; u

(iii) tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tad-danni kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fl-14 ta’ Jannar, 2004 li permezz taghha eccepixxa;

1. L-ewwel talba tal-attrici ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku de quo ma garax b’tort tal-eccipjent.

2. It-tieni talba tal-attrici ghandha tkun michuda billi ma hemmx danni x’jigu likwidati favur taghha.

3. Isegwi li anke t-tielet talba tal-attrici ghandha tkun rigettata stante li l-eccipjent m’ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-attrici.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali nkluz ir-rapport ta’ l-espert mediku l-kirurgu Mr. Charles Sciberras.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Gunju, 2006 illi permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi ghal dak li jirrigwardja r-responsabilita’ ghall-incident ftit hemm x’wiehed jghid. L-attrici kienet akkumpanjata minn bintha fil-hin ta’ l-incident qalet illi waqt li kienu qed jaqsmu t-triq imsemmija fic-citazzjoni, il-konvenut li kien gia’ ghadda

minn quddiemhom irriversja l-vettura tieghu u laqatha. Minhabba f'hekk hija sofriet id-danni fuq persuntha. Dan qalitu anke ftit hin wara l-incident meta saru l-investigazzjoni tal-pulizija tad-distrett u gie kkonfermat fir-rapport minn l-istess bintha li kienet maghha dak il-hin u PS Cassar li xehed a fol 61 tal-process. Skond PS Cassar anke l-konvenut ikkonferma li hu kien irriversja izda biss b'nofs metru.

l-attrici xehdet fit-30 ta' April, 2004 u l-Qorti ma ghandha ebda dubbju mill-veracita' tad-deposizzjoni taghha. Ghalkemm ta' eta' avvanzata hija kienet lucida hafna waqt li kienet qed tixhed u cara hafna f'dak li qalet. Hija qalet kif gia' inghad li hija kienet gia' bdiet taqsam it-triq wara li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet ghadha kif ghaddiet meta l-istess konvenut irriversja lura u laqatha.

Il-konvenut xehed fis-seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005 u kkonferma li dakinhar ta' l-incident x'hin kien ghaddej minn Triq Ponsomby, il-Gzira rrealizza li ma setax jibqa' diehel minhabba xi xoghlijiet u allura rriversja biex johrog minn triq ohra, sema' hoss izda ma ra xejn izda x'hin fetah il-bieba sab lill-attrici ma' l-art.

Ma hemmx dubbju ghalhekk fil-fehma tal-Qorti illi l-konvenut kien jahti kompletament ghall-incident in kwistjoni. Huwa naqas li jaghmel cert li l-manuvra li kien qed jaghmel kontra l-*flow* normali tat-traffiku ma kienet se tkun ta' periklu ghal hadd. Anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument kien kostrett jirriversja, kellu jhares sew qabel ma jaghmel dan u l-fatt li laqat lill-attrici hija per se indikazzjoni li ma harisx sew – l-attrici kif spiss jinghad waqt dawn it-tip ta' kawzi; "*Ma waqatx mis-sema.*" Barra minn dan fil-hin li kien qed jaghmel il-manuvra tieghu hu kien necessarjament fuq in-naha hazina tat-triq ghaliex dik il-parti hija riservata ghat-traffiku li jkun gej minn faccata ta' fejn kin qed isuq hu billi t-triq in kwistjoni m'hijiex *one-way* kif jidher car mid-deposizzjoni tas-Surgent Cassar u mill-istess skizz esebit a fol 57 li juri vetturi parkeggjati fiz-zewg direzzjonijiet. Kwindi l-attrici qatt ma setghet tistenna vettura

minn dik in-naha tat-triq u ghalhekk il-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident.

Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni pero' f'din il-kawza hemm certa diffikolta' ghaliex l-attrici kellha cirka sebgha u sebghin (77) sena meta gara l-incident. Madankollu skond il-provi mressqa minnha jidher li sa dakinhar kienet *self-sufficient* izda minhabba l-incident sar ghandha bzonn l-ghajnuna biex taghmel certi affarijiet essenzjali. Fil-fatt hija qalet li kellha taghmel certi spejjez li jinkludu spejjez medici, spejjez tat-Telecare u tibdiliet fid-dar biex per ezempju tkun tista' titla' t-tarag u *dishwasher* – b'kollox seba' mija, tnejn u tmenin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm782.52), a fol 75. Il-Qorti se takkorda dawn l-ispejjez ghaliex temmen li l-attrici kienet f'sikkitha sew qabel l-incident u dawn l-ispejjez gew inkorsi minhabba l-incident.

Fir-rigward tal-qliegh tal-futur ta' l-attrici dan huwa necessarjament limitat minhabba l-eta' taghha – u fil-verbal tas-seduta tat-30 ta' Gunju, 2005 hija pensjonata. L-espert mediku kkalkola d-disabilita' rizultanti mill-incident ghal tletta fil-mija (13%) u jekk wiehed jikkalkola d-danni fuq l-iskorta tad-diversi sentenzi li segwew l-insenjament ta' Butler vs Heard (1967 – Qorti ta' l-Appell) ibbazat fuq introjtu ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) fis-sena fuq perjodu minnu ta' hames snin dan jigi jammonta ghal elf, disa' mija u hamsin Lira Maltin (Lm1,950) – somma rrizorja fir-rigward ta' l-attrici in vista' tat-tibdil ghall-aghar li kellha f'hajjitha minhabba dan l-incident.

Huwa minnu pero' li hemm cirkostanzi li fihom il-Qorti tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* kif ikkumentat din il-Qorti fil-kawza Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Company Limited (1560/95 PS) deciza fit-13 ta' Ottubru, 2004; "*Ma jistax ikun dubitat li hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema ta' ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittattiva. Ara a propositu decizjoni a Vol*

*XXXV parti iii pagna 615 fejn gie proprju rikonoxxut fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti*

*Taljana tal-Kassazzjoni illi 'vi hanno casi in cui non potendosi avere mezzi istruttori e rimesso al magistrato il valutare ex aequo et bono secondo i dettami della sua ragione e cononsciena l'ammontare del danno del risarcimento del quale taluno fu condannato.' Indiskutibilment il-gudikant ma jistax lanqas f'dawn il-kazi jipprexxindi mill-fatt li l-parti istanti m'hijiex esonerata mid-dmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dak il-fattijiet li tkun taf bihom ghall-iskop ta' determinazzjoni tat-telf. Minn naha tieghu l-gudikant hu tenut li jaghti piz debitu lil dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwisiti fil-process. Fi kliem iehor hu ghandu jipprovi motivazzjoni logika tal-kriterji ta' l-apprezzament prudenti adottati li juri kif wasal ghal-likwidazzjoni tal-quantum debeatur. Ara f'dan is-sens u fuq dan il-punt id-decizjoni riportata a Vol XXIX – i – pagna 1285."*

Ghalhekk il-Qorti in vista tac-cirkostanzi tal-kaz thoss li s-somma li ghandha tithallas lill-attrici bhala danni ghandha tkun ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) *oltre* seba' mija, tnejn u tmenin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm782.52) fuq imsemmija – b'kollox erbat elef, seba' mija, tnejn u tmenin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm4,782.52).

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' erbat elef, seba' mija, tnejn u tmenin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm4,782.52). L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------